MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Numru. 1173/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**
**Edgar Urpani ta’ 38 sena, bin Ronald u Josephine nee’ Serra, imwieled tas-Sliema fid-19 ta’ Lulju 1968 u joqghod fil-fond numru 86, Flat 8, Triq Tonna, Sliema jew numru 243, Flat 12, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 0292468(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edgar Urpani akkuzat:

A. talli nhar il-11 ta’ Ottubru 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel dina id-data, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku,

b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti, skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom u dana bi ksur ta’l-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B. u aktar talli fil-granet u fix-xhur ta’ qabel u nhar il-11 ta’ Ottubru 2005, soqt vettura ta’l-ghamla Alfa Romeo mudell 156 ta’ lewn sewdieni bin-numru ta’ registrazzjoni URP-068, minghajr ma kienet illicenjzata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b’hekk ma kenitx assigurata kontra t-terzi ma’kumpaniji ta’l-assigurazzjoni u dana bi ksur ta’l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C. u akkuzat ukoll talli nhar il-11 ta’ Ottubru 2005 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel uza fotokopja ta’ licenzja mahruga ghall-vettura bil-mutur partikolari fuq vettura bil-mutur ohra u mhux dik il-licenjza tal-vettura mahruga mill-Kummisaarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita tad-Dipartiment tat-Trasport ta’ Malta.

D. kif ukoll akkuzat talli sar recediv b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta liema saret definittiva

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja tas-26 ta’ Marzu 2007.

Semghet l-provi.

Ikkunsidrat,

Illi il-fatti ta’ dana il-kaz jistghu jigu inkwadrati fil-qosor u huma s-segwenti. Illi l-imputat li huwa sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni URP-068, uza l-imsemmija vettura fit-triq, meta dina kellha imwahhla mal-windscreen fotokopja ta’ *license disc* ta’ vettura ohra tal-ghamla Mercedes bin-numru ta’ registrazzjoni JBE 984. Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat irrizulta illi peress illi kien hemm diversi multi pendenti in konnessjoni mal-vettura tieghu, huwa ma setax juza dina l-vettura u ghalhekk fil-gurnata tal-11 ta’ Ottubru 2005 huwa ghamel fotokopjia ta’ *license disc* ta’ vettura ohra tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta’ registrazzjoni JBE 984 li kienet inkriet lilu ghal perijodu qasir ta’ zmien mis-socjeta AutoSales Limited.

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment bil-falsifikazzjoni a tenur ta’l-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ma hemmx dubbju l-licenzja ta’ vettura bil-mutur huwa att pubbliku. Illi l-imputat intenzjonalment ghamel fotokopja ta’ *license disc* ta’ vettura ohra, liema fotokopja saret bil-kulur u wahhalha mal-windscreen tal-vettura tieghu. Dana ghamlu bl-intenzjoni illi iqarraq bl-awtoritajiet u sabiex jaghti wiehed x’jifhem illi l-vettura tieghu kienet illicenzjata skond il-ligi. Dina l-intenzjoni tohrog cara anke mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat esbita a fol.25 tal-process. Madanakollu mill-provi l-ohra migjuba quddiem il-Qorti jirrizulta illi l-imputat kien qieghed jipprova jikkonforma ruhu mal-ligi tant illi jirrizulta mix-xhieda ta’ Martin Caruana ghan-nom tas-socjeta ta’l-assigurazzjoni Citadel, illi fil-fatt l-imputat kien hallas ghal kopertura ta’l-assigurazzjoni fuq il-vettura tieghu fis-7 ta’ Settembru 2005 u cioe’ qabel il-jum li fih gie kommess dana ir-reat. Inoltre mix-xhieda ta’ Christopher Darmanin, rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji, u mid-dokumenti esebiti mill-imsemmi xhud jirrizulta ukoll illi l-imputat hallas il-licenzji tal-vettura fil-gurnata stess tal-kommissjoni tar-reat u cioe’ fil-11 ta’ Ottubru 2005 ara Dokument EU10. Illi ghalhekk it-tieni akkuza ma tirrizultax u dana peress illi ghalkemm l-imputat saq il-vettura b’license disc ta’ vettura ohra imwahhla mal-windscreen, izda jidher illi l-vettura kienet koperta b’assikurazzjoni u kienet licenzjata biex tinstaq fit-triq.

Illi madanakollu mill-provi migjuba u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, ma hemmx dubbju illi l-ewwel u it-tielet akkuza jirrizultaw ippruvati.

Illi ghar-rigward ta'l-akkuza dwar ir-recidiva, l-prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija ill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Edgar Urpani datata 19 ta' Jannar 2005 fejn l-imputat gie misjub hati ta'zewg kontravvenzjonijiet li jaqghu that il-Motor Vehicle Regulations, u mhux ta' delitt kif jispecifika l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mill-akkuza dwar ir-recidiva.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ottempera ruhu mal-ligi u inoltre, kif jidher mill-istqarrija tieghu jidher illi iddispjacih ghal dak illi ghamel. Inoltre il-fedina penali ta'l-imputat mhijiex xi wahda allarmanti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(d) u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 51(7)(b) ta'l-Avviz Legali 476 ta'l-2004, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza u mill-akkuza dwar ir-recidiva, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tlettax-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------